

# Dun Giaonnello Cilia Eroj tal-Assedju tal-1565

Dr. Anton Bugeja

Fl-Assedju l-Kbir ta' Malta, li din is-sena qed nikkomemoraw l-450 sena minn mindu seħħ, il-ġlieda għal Forti Sant Iermu kienet waħda kruċjali. Għall-Kavallieri ta' Malta u għall-Maltin, it-telfa ta' din il-fortizza, eżattament fit-23 ta' Ġunju 1565 lejliet il-festa ta' San Ġwann, kienet waħda kerha u l-ewwel telfa sinjifikanti f'din it-taqbida. Biss, id-dewmien biex tintrebaħ din il-fortizza għamel ħafna aktar ħsara lit-Torok li ħlew ħafna mir-riżorsi u l-ħin li kellhom fuq din il-fortizza tant li din kienet waħda mir-raġunijet tat-telfa tagħhom.



*Il-waqgħa ta' Sant Iermu - pittura ta' Matteo Perez d'Aleccio ġewwa l-Palazz il-Belt*

M'hemmx dubju li r-rebħa aħħarija tal-Maltin u tal-Ordni kienet parzjalment riżultat tal-eroiżmu li wrew in-nies u l-ġellieda ġewwa Sant Iermu. Fost dawn insibu l-Kappillan ta' Ħal Qormi Dun Giaonnello Cilia. Ftit nafu fuq l-ewwel snin ta' ħajtu imma nafu li ħuh kien il-qassis Dun Mikiel Cilia. Fl-1539, Giaonnello kien diġà qassis u kien jgħix il-Birgu u sena wara laħaq kurat ta' dan il-post. Sittax-il sena wara minħabba l-imġiba tiegħu, kien ikkundannat li ma joħroġx barra mill-Imdina, kif ukoll li ma jżurx id-dar ta' Pawla, il-mara ta' Dimitri Greco. Minkejja dan, jidher li fl-1560 kien qed jaqdi xi dmirijiet pastorali ġewwa l-Birgu u kien rettur tal-benefiċċju tal-Fas tal-Fuqqanija. F'dik is-sena beda joqgħod f'Ħal Qormi u ħadem bħalha kurat wara l-mewt tal-kappillan Dun Ġiljan Borg. Din il-ħidma, li kienet toħodlu ħafna mill-ħin tiegħu, tant li kellu jħassar xi impenji oħra li kellu,

għamilha għal tliet snin sakemm Dun Giaonnello Cilia laħaq kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fid-29 ta' Lulju 1563. Din il-ħidma kienet testendi lil hinn mill-konfini preżenti tal-parroċċa biex tinkludi inħawi oħra fosthom il-biċċa art magħrufa bħalha l-Wardija li fuqha inbniet il-Belt Valletta. Infatti il-kappelli ta' San Iermu, San Nikola u Santa Luċija fuq din l-art huwa dokumentat li kienu jieħdu ħsiebhom diversi qassisin mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi.

Fiż-żmien meta laħaq kappillan, il-Konċilju ta' Trentu kien obbliga li jinżammu r-reġistri fil-parroċċi, partikularment fejn jidħlu Magħmudija, Griżma, Żwieġ u Mewt. Tmint ijiem wara li laħaq, Dun Giaonnello Cilia beda l-ewwel reġistru tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li flimkien mar-reġistri ta' wara huma minjiera ta' informazzjoni fuq il-ħajja soċjali ta' Ħal Qormi.

Kien ukoll ftit żmien qabel li Sulejman kien iddeċieda li jattakka lil Malta. Billi Sant'Iermu kien jagħmel ma' Ħal Qormi, il-kappillan Dun Giaonnello Cilia u probabbilment ħafna mill-Qriema marru fil-foss ta' dan il-forti x'ħin beda l-assedju. X'ħin beda jidher li l-ewwel attakk kien se jkun fuq Sant' Iermu, in-nies ġew meħuda x'imkien ieħor imma probabbli kien hawn li Cilia iddeċieda li jibqa' Sant'Iermu. Hawnhekk, il-Kavallieri u l-Maltin tqabdu bl-aħrax kontra t-Torok u żammewhom għal ftit inqas minn xahar. Dokument tal-1569 jgħidilna kif lil Dun Giaonnello Cilia rawh bl-ixkubetta ('arcobusio') jissielet mat-Torok partikularment fit-tmint ijiem ta' qabel li l-forti waqa' f'idejn l-għadu. Rawh ukoll ifarraġ lil Pietro Miraglia li kien midrub u maħruq (probabbli wara li Miraglia u grupp ieħor ippruvaw iqabbdu l-pontijiet li kienu bnew it-Torok biex jidħlu ġewwa l-forti). Meta kien jidher ċar li Sant'Iermu kien se jintrebaħ, il-kappillan Cilia ma laqax l-offerta tal-barklor Gregorio Schembri biex jitlaq minn hemm u jmur il-Birgu. Għażel li jibqa' fil-forti sal-aħħar.



*Il-kappella tal-Forti Sant Iermu modifikata fis-seklu 17*

Fir-rakkont tiegħu, Francesco Balbi de Correggio jgħidilna kif is-Sibt 23 ta' Ġunju 1565, x'ħin kien jidher ċar li ma kienx hemm iżjed x'tagħmel, il-Maltin u l-kavallieri inġabru fil-kappella ta' dan il-post bil-ħsieb li jippreparaw biex iċedu. Imma meta raw li t-Torok bdew joqtlu lil kull minn kien jiġi taħt idejhom, ħarġu minn hemm u baqgħu jiġġieldu sal-mewt. Quddiem dan ir-rakkont wieħed ma jistax ma jimmaġinax lill-kappillan Cilia f'din il-kappella jfarraġ lil sħabu, ħafna minnhom feruti u jgħinhom iqawwu qalbhom f'dan il-mument tant diffiċli.

X'ħin Sant'Iermu waqa' f'idejn l-għadu, it-Torok, biex ibeżżgħu lill-Maltin, qatgħu l-irjus minn mal-iġsma mejta tal-ġellieda ta' Sant Iermu, sammruhom ma' xi slaleb u tefgħuhom fil-Port il-Kbir jinġarru mal-kurrent lejn il-Forti Sant' Anġlu. Hekk rawh l-aħħar lil kappillan Cilia, u għarfuh minn marka li kellu fuq sieqU. Kien miet ta' eroj, jiddefendi r-reliġjon Nisranija, ifarraġ lil sħabu u jaqdi dmiru sa l-aħħar.

*Referenzi: Balbi de Corregio, F. 1961. The Siege of Malta 1565. Copenhagen, paġna 86. - Borg V. 2009. The Maltese Diocesse during the Sixteenth century, Melita Sacra II. Malta, paġni 266-267 - Fsadni, M. 1971. Id-Dumnikani fil-Belt 1569-1619. Malta, Veritas Press, paġni 68-69. - Grima, J.F. 2001. Mill-Istorja ta' Ħal Qormi, l-ewwel volum, Malta, Kunsill Lokali Qormi, paġni 56, 58-59.*